SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

3 ta' Marzu 2011 *

Fil-Kawżi magħquda C-235/10 sa C-239/10,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Cour de cassation (il-Lussemburgu), permezz ta' deċiżjonijiet tad-29 ta' April 2010, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta' Mejju 2010, fil-proċeduri

David Claes (C-235/10),

Sophie Jeanjean (C-236/10),

Miguel Rémy (C-237/10),

Volker Schneider (C-238/10),

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Xuan-Mai Tran (C-239/10)

vs

Landsbanki Luxembourg SA, fi stralċ,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, E. Juhász (Relatur), G. Arestis, J. Malenovský u T. von Danwitz, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: V. Trstenjak,
Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal D. Claes, S. Jeanjean, M. Rémy u V. Schneider kif ukoll X.M. Tran, minn R. Michel, avukat,

— għal-Landsbanki Luxembourg SA, kumpannija fi stralċ, minn C. Jungers, avukat,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Rozet, bħala aġent,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikoli 1 sa 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE, tal-20 ta' Lulju 1998, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies [tkeċċijiet] kollettivi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3 p. 327).

2 Dawn it-talbiet ġew ippreżentati fil-kuntest ta' kawżi bejn, minn naħa, D. Claes, S. Jeanjean, M. Remy, V. Schneider kif ukoll X.M. Tran u, min-naħa l-oħra, Landsbanki Luxembourg SA (iktar 'il quddiem "Lansbanki"), kumpannija fi stralċ, fir-rigward tar-rexxissjoni b'effett immedjat tal-kuntratt ta' impjieg tagħhom wara deċiżjoni ġudizzjarja li tordna x-xoljiment u l-istralċ ta' din tal-aħħar.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Id-Direttiva tal-Kunsill 75/129/KEE tas-17 ta' Frar 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies [tkeċċijiet] kollettivi (ĠU L 48, p. 29) kienet tipprovdi fl-Artikolu 1(2)(d) tal-verżjoni oriġinali tagħha, li din id-direttiva ma tapplikax għal ħaddiema milquta mill-waqfien tal-attivitajiet tal-istabbiliment meta dan jirriżulta minn deċiżjoni ġudizzjarja.

4 Skont it-tielet premessa tad-Direttiva tal-Kunsill 92/56/KEE, tal-24 ta' Ġunju 1994, li temenda d-Direttiva 75/129 (ĠU L 245, p. 3), għandu jiġi nnotat li d-Direttiva 75/129 tapplika fil-prinċipju wkoll għat-tkeċċijiet kollettivi minħabba waqfien tal-attivitajiet tal-istabbiliment bħala riżultat ta' deċiżjoni ġudizzjarja.

5 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 92/56 ħassar l-Artikolu 1(2)(d) tad-Direttiva 75/129.

6 Skont is-sitt premessa tad-Direttiva 92/56, għandu jiġi żgurat li l-obbligi tal-persuna li timpjega fejn għandhom x'jaqsmu l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u n-notifika japplikaw indipendentement minn jekk id-deċiżjoni dwar tkeċċijiet kollettivi toriġinax mill-persuna li timpjega jew minn impriża li tikkontrolla lill-persuna li timpjega.

7 Id-Direttiva 75/129, kif emendata bid-Direttiva 92/56, tħassret u ġiet issostitwita bid-Direttiva 98/59.

8 Skont id-disa' premessa tad-Direttiva 98/59, li tipproċedi bil-kodifikazzjoni tad-Direttiva 75/129, kif emendata, għandu jiġi nnotat li din id-Direttiva tapplika fil-prinċipju anki għat-tkeċċijiet kollettivi minħabba waqfien tal-attivitajiet tal-istabbiliment bħala riżultat ta' deċiżjoni ġudizzjarja.

9 Skont l-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 98/59, "redundancies [tkeċċijiet] kollettivi" għandha tinftiehem, għall-finijiet tal-applikazzjoni tiegħu, bħala t-tkeċċijiet magħmula mill-persuna li timpjega, għal raġuni jew raġunijiet li ma humiex marbuta mal-ħaddiema, u dan sa fejn ikunu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet ta' natura kwantitattiva u temporali.

10 Skont l-Artikolu (1)(2) tal-imsemmija direttiva, din ma tapplikax għal:

"a) redundancies [tkeċċijiet] kollettivi effettwat taħt kuntratti tax-xogħol konklużi għal perjodi limitati taż-żmien jew għal xogħlijiet speċifiċi ħlief meta dan il-redundancies [it-tkeċċijiet] iseħħ qabel id-data ta' skadenza jew il-kompletazzjoni ta' dawn il-kuntratti;

b) ħaddiema impjegati minn korpi amministrattivi jew minn stabbilimenti regolati minn liġi pubblika (jew, fl-Istati Membri fejn dan il-kunċett mhux magħruf, minn korpi ekwivalenti);

c) l-ekwipaġġi ta' bastimenti fuq il-baħar."

11 L-Artikolu 2 tal-istess direttiva jipprovdi:

"1. Meta dak li jħaddem ikun qed jikkontempla redundancies [tkeċċijiet] kollettivi, huwa għandu jibda konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema fi żmien tajjeb bl-iskop li jintlaħaq ftehim.

2. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom, mill-inqas, ikopru mezzi u miżuri li jevitaw redundancies [tkeċċijiet] kollettivi jew tnaqqis ta' numri ta' impjegati affettwati, u biex jittaffew il-konsegwenzi billi jkun hemm rikors għal miżuri soċjali magħhom immirati, inter alia, li jgħinu għall-impjieg jew it-taħriġ mll-ġdid tal-ħaddiema mingħajr xogħol.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jistgħu jużaw is-servizzi ta' esperti skont il-leġiżlazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali.

3. Sabiex jgħinu r-rappreżentanti tal-ħaddiema biex jagħmlu proposti kostruttivi, min iħaddem għandu fi żmien tajjeb matul il-konsultazzjonijiet:

a) ifornihom bl-informazzjoni rilevanti kollha u

b) f'kull każ jagħtihom notifka bil-miktub:

i) tar-raġunijiet għar-redundancies [tkeċċijiet] ipproġettati;

ii) tan-numri tal-kategoriji [tan-numru u tal-kategoriji] ta' ħaddiema li se jisfaw bla xogħol;

iii) tan-numri u l-kategoriji [tan-numru u tal-kategoriji] tal-ħaddiema normalment impjegati;

iv) tal-perijodu meta r- redundancies [tkeċċijiet] ipproġettati għandhom jiġu effettwati;

v) tal-kriterji proposti għas-selezzjoni tal-ħaddiema li se jisfaw bla xogħol sakemm u safejn il-leġiżlazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali jagħtu l-poter għal dan lil min iħaddem;

vi) tal-metodu għall-kalkolu ta' xi pagamenti tar-redundancy ta' xort'oħra minn dawk ikkawżati mil-leġiżlazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali.

Min iħaddem għandu jgħaddi lill-awtorità pubblika kompetenti kopja ta', mill-inqas, l-elementi tal-kommunikazzjoni bil-miktub li hemm previsti fl-ewwel subparagrafu, l-punt (b), is-subpunti (i) sa (v).

4. L-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1, 2, u 3, għandhom japplikaw irrespettivament minn jekk id-deċiżjoni dwar il- redundancies [it-tkeċċijiet] kollettivi tkux qed tittieħed minn min iħaddem jew minn impriża li tikkontrolla lil min iħaddem.

Waqt li jkun qed jiġi kkunsidrat il-ksur allegat tal-ħtiġiet tal-informazzjoni, tal-konsultazzjoni u tan-notifika stabbiliti f'din id-Direttiva, m'għandux jittieħed kont ta' xi difiża fuq il-parti ta' min iħaddem fuq il-bażi li l-informazzjoni neċessarja ma ġietx ipprovduta lil min iħaddem mill-impriża li ħadet id-deċiżjoni li wasslet għar-redundancies [għat-tkeċċijiet] kollettivi."

12 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 98/59 jipprovdi:

"1. Kull min iħaddem għandu jinnotifika lill-awtorità pubblika kompetenti bil-miktub dwar kull pjan ta' redundancies [tkeċċijiet] kollettivi.

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li f'każ ta' redundancies [tkeċċijiet] kollettivi ippjanat ikkawżat mit-terminu tal-attivitajiet tal-istabbiliment bħala riżultat ta' deċiżjoni ġudizzjarja, min iħaddem għandu jkun obbligat jinnotifika lill-awtorità pubblika kompetenti bil-miktub biss jekk hi titlob hekk.

Din in-notifika għandu jkollha l-informazzjoni rilevanti kollha li tikkonċerna r-redundancies [tkeċċijiet] kollettivi u l-konsultazzjonijiet ippjanati mar-rappreżentanti tal-ħaddiema previsti fl-Artikolu 2, u partikolarment ir-raġunijiet għar-redundancy, in-numru ta' ħaddiema li ser jisfgħu mingħajr xogħol, in-numru ta' ħaddiema normalment impjegati u l-perijodu li fih il- redundancy għandu jiġi effettwat.

2. Min iħaddem għandu jgħaddi lir-rapreżentanti tal-ħaddiema kopja tan-notifika prevista fil-paragrafu 1.

Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jistgħu jibħagtu xi kummenti li jista' jkollhom lill-awtorità pubblika kompetenti."

13 Skont l-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva:

"1. Il-redundancies [It-tkeċċijiet] kollettivi pproġettati nnotifikati lill-awtorità pubblika kompetenti m'għandhomx iseħħu qabel 30 ġurnata wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 3(1) bla ħsara għal xi dispożizzjonijiet li jirregolaw id-drittijiet individwali fir-rigward tal-avviż tat-tkeċċija mix-xogħol.

L-Istati Membri jistgħu jagħtu l-poter lill-awtorità pubblika kompetenti sabiex tnaqqas il-perijodu msemmi fis-subparagrafu preċedenti.

2. Il-perijodu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jintuża mill-awtorità pubblika kompetenti sabiex jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi kkawżati mir-redundancies [mit-tkeċċijiet] kollettivi proġettati.

3. Meta l-perijodu inizjali previst fil-paragraph 1 huwa iqsar minn 60 ġurnata, l-Istati Membri jistgħu jagħtu l-poter lill-awtorià pubblika kompetenti biex testendi l-perijodu inizjali ta' 60 ġurnata wara n-notika meta l-problemi kkawżati mill-pjanijiet proġettati ta' redundancies [tkeċċijiet] kollettivi x'aktarx ma tinstabx soluzzjoni għalihom fil-perijodu inizjali.

L-Istati Membri jistgħu jagħtu lill-awtorità pubblika kompetenti poteri iktar wiesgtra ta' estenzjoni.

Min iħaddem għandu jkun infurmat bl-estenzjoni u l-bażi tagħha qabel ma jiskadi l-perijodu tal-bidu msemmi fil-paragrafu 1.

4. L-Istati Membri m'għandhomx bżonn japplikaw dan l-Artikolu għar-redundancies [għat-tkeċċijiet] kollettivi kkawżati mit-tmiem tal-attivitajiet tal-istabbiliment meta dawn huwa r-riżultat ta' deċiżjoni ġudizzjarja."

Id-dritt nazzjonali

14 L-Artikolu L. 125-1(1), tal-Kodiċi tax-Xogħol Lussemburgiż jipprovdi:

"[Il-]kuntratt tax-xogħol jintemm b'effett immedjat f'każ ta' waqfien tan-negozju b'riżultat tal-mewt, tal-inkapaċità fiżika jew ta' dikjarazzjoni ta' stat ta' falliment tal-persuna li timpjega. [...]

Sakemm in-negozju ma jitkompliex mill-kuratur jew is-suċċessur tal-persuna li timpjega, l-impjegat għandu dritt:

1. għaż-żamma tas-salarji tax-xahar li fih seħħ l-avveniment u tax-xahar suċċessiv, u

2. għal allowance ekwivalenti għal ħamsin fil-mija tal-ħlasijiet mensili marbuta maż-żmien ta' preavviż li għalih l-impjegat kien intitolat […]

Madankollu, il-pagi u l-allowances allokati għall-impjegat skont il-paragrafu preċedenti ma jistgħux jeċċedu l-ammont tal-pagi u allowances li għalihom kien ikun intitolat f'każ ta' tkeċċija bi preavviż."

15 L-Artikoli L. 166-1 sa L. 166-5 ta' dan il-kodiċi jirrigwardaw il-kunċett ta' tkeċċija kollettiva u l-obbligi tal-persuna li timpjega matul tali tkeċċija.

16 L-Artikolu 61 tal-Liġi tal-5 ta' April 1993 dwar is-settur finanzjarju, fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mil-Liġi tad-19 ta' Marzu 2004 li ttrasponiet, fil-Liġi emendata tal-5 ta' April 1993 dwar is-settur finanzjarju, id-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, tal-4 ta' April 2001, fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (Mémorial A 2004, p. 708), jipprovdi:

"(1) Ix-xoljiment u l-istralċ jistgħu jseħħu meta:

a) ikun jidher li s-sistema ta' sospensjoni tal-ħlas prevista fil-kapitolu preċedenti, li tkun ġiet deċiża qabel, ma ssolvix is-sitwazzjoni li tkun iġġustifikatha;

b) is-sitwazzjoni finanzjarja tal-istabbiliment tkun iddeterjorat sal-punt li dan tal-aħħar ma jkunx jista' jibqa' jwettaq l-obbligi tiegħu fir-rigward tal-persuni kollha li jkollhom titoli ta' drittijiet ta' kreditu jew ta' azzjonijiet;

c) il-liċenzja tal-istituzzjoni tkun ġiet irtirata u din id-deċiżjoni tkun saret definittiva.

(2) Huma biss il-Kummissjoni [ta' sorveljanza tas-settur finanzjarju] jew il-Prokuratur tal-Istat, [bl-imsemmija] Kummissjoni debitament imsejħa fil-kawża, li jistgħu jitolbu lit-Tribunal sabiex jiddikjara x-xoljiment u l-istralċ ta' stabbiliment.

[…]

(7) Meta jordna l-istralċ, it-Tribunal jaħtar imħallef kummissarju kif ukoll wieħed jew iktar stralċjarji. Huwa jiddeċiedi l-metodu tal-istralċ. Huwa jista' jagħmel applikabbli, sal-livell li jiddetermina, ir-regoli li jirregolaw il-falliment. F'dan il-każ, huwa jista' jistabbilixxi ż-żmien li fih seħħ il-waqfien tal-ħlas f'data li tkun mhux iktar minn sitt

xhur qabel il-preżentata tar-rikors imsemmi fl-Artikolu 60-2 (3). Il-metodu tal-istralċ jista' jiġi mmodifikat iktar tard, kemm *ex officio*, kif ukoll fuq talba tal-istralċjarji jew tal-Kummissjoni [ta' sorveljanza tas-settur finanzjarju].

[…]"

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

17 Landsbanki hija istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fil-Lussemburgu.

18 Permezz ta' sentenza tat-8 ta' Ottubru 2008, it-Tribunal d'arrondissement de Luxembourg, fuq talba ta' Landsbanki, taha l-benefiċċju tal-proċedura tas-sospensjoni tal-ħlas għal terminu massimu ta' sitt xhur u ħatret lil Deloitte SA bħala amministratur bl-iskop li jikkontrolla l-ġestjoni tal-assi.

19 Permezz ta' rikors tas-27 ta' Novembru 2008, il-Prokuratur tal-Istat fi ħdan it-Tribunal d'arrondissement de Luxembourg talab ix-xoljiment u l-istralċ ta' Landsbanki. Il-Kummissjoni ta' sorveljanza tas-settur finanzjarju wkoll talbet li jsir stralċ ġudizzjarju ta' Landsbanki.

20 Permezz ta' sentenza tat-12 ta' Diċembru 2008, it-Tribunal d'arrondissement de Luxembourg, peress li qies li s-sitwazzjoni ta' Landsbanki ma setgħetx tirkupra u li din ma setgħetx twettaq l-obbligi tagħha, ordna x-xoljiment tagħha. Huwa ddikjara wkoll l-istralċ ta' Landsbanki u ħatar żewġ stralċjarji.

21 Permezz ta' posta tal-15 ta' Diċembru 2008, dawn l-istralċjarji, filwaqt li informaw lill-impjegati ta' Landsbanki dwar ix-xoljiment u l-istralċ tagħha, informawhom li l-kuntratti ta' impjieg tagħhom ġew itterminati skont l-Artikolu L.125-1 tal-Kodiċi tax-Xogħol Lussemburgiż.

22 Fid-19 ta' Diċembru 2008, il-liċenzja bankarja ta' Landsbanki ġiet irtirata.

23 Permezz ta' rikors tal-24 ta' Diċembru 2008, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali talbu lill-president tat-Tribunal du travail sabiex jikkonstata li t-tkeċċija tagħhom, fid-dawl tal-kwalità tagħhom ta' rappreżentanti tal-impjegati u ta' mara tqila, rispettivament, kienet nulla. Huma talbu r-riintegrazzjoni tagħhom fil-postijiet tax-xogħol b'mod immedjat.

24 Permezz ta' digrieti tal-10 ta' Frar 2009, il-president tat-Tribunal du travail iddikjara t-talbiet infondati, u dan fid-dawl taċ-ċirkustanzi li jagħmlu din ir-riintegrazzjoni prattikament impossibbli.

25 Ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali appellaw minn dawn id-digrieti.

26 Permezz tad-digrieti tal-4 ta' Ġunju 2009, il-president tal-awla kompetenti tal-cour d'appel iddikjara l-appelli infondati u kkonferma d-digrieti appellati, peress li f'dan il-każ jirriżultaw ir-raġunijiet li wasslu lil-leġiżlatur sabiex fl-Artikolu L. 25-1 tal-Kodiċi tax-Xogħol Lussemburgiż jipprovdi għar-rexxissjoni immedjata tal-kuntratti tal-impjieg f'każ ta' waqfien tan-negozju wara d-dikjarazzjoni ta' stat ta' falliment tal-persuna li timpjega. Peress li l-waqfien tan-negozju jirriżulta minn stat ta' fatt li huwa

paragunabbli għal stat ta' falliment, l-istralċ ġudizzjarju huwa paragunabbli għall-istat ta' falliment previst f'dan l-Artikolu L. 125-1.

27 Ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ressqu appell mid-digrieti tal-4 ta' Ġunju 2009 quddiem il-Cour de cassation li, filwaqt li qieset li l-interpretazzjoni tal-Artikoli 1 sa 3 tad-Direttiva 98/59 hija neċessarja sabiex tagħti d-deċiżjoni tagħha fil-kawżi li għandha quddiemha, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin, redatti fl-istess kliem f'kull waħda mill-imsemmija kawżi:

"1) L-Artikoli 1, 2 u 3 tad-Direttiva 98/59 [...] għandhom jiġu interpretati fis-sens li japplikaw għal waqfien min-negozju wara dikjarazzjoni ta' falliment ta' min iħaddem jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja li tordna l-istralċ u l-likwidazzjoni tal-istabbiliment ta' kreditu li jħaddem minħabba insolvenza abbażi tal-Artikolu 61(1) (a) u (b) tal-liġi [...] tal-5 ta' April 1993, dwar is-settur finanzjarju, [li ġiet emendata permezz tal-liġi tad-19 ta' Marzu 2004,] waqfien min-negozju li fir-rigward tiegħu l-liġi nazzjonali tipprovdi li jiġi tterminat b'effett immedjat il-kuntratt ta' impjieg?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għal din id-domanda, l-Artikoli 1, 2 u 3 tad-Direttiva 98/59 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-istralċjarju jew il-likwidatur jitqies bħala persuna li tħaddem li ppreveda sensji kollettivi u li kien f'pożizzjoni li jwettaq, f'din il-perspettiva, l-atti msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' [din id-direttiva] u li jipproċedi sabiex isiru s-sensji (is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2009, Rodríguez Mayor *et*, C-323/08, [Ġabra p. I-11621], punti 39, 40 u 41)?"

28 Permezz tad-digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-14 ta' Ġunju 2010, il-Kawżi C-235/10 sa C-239/10 ġew magħquda flimkien għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali kif ukoll tas-sentenza.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

29 Permezz tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikoli 1 sa 3 tad-Direttiva 98/59 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li japplikaw għall-waqfien tal-attivitajiet ta' stabbiliment li jimpjega, bħala riżultat ta' deċiżjoni ġudizzjarja li tordna x-xoljiment u l-istralċ tiegħu minħabba insolvenza anki jekk, fil-każ ta' tali waqfien, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprovdi li l-kuntratti tal-impjieg jiġu tterminati b'effett immedjat.

30 Id-Direttiva 75/129 kienet tipprevedi fl-Artikolu 1(2)(d) tagħha li hija ma kinitx tapplika għall-ħaddiema milquta mill-waqfien tal-attivitajiet tal-istabbiliment meta dan kien riżultat ta' deċiżjoni ġudizzjarja. L-imsemmi artikolu kien jipprovdi deroga mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1(1)(a) tal-istess direttiva, li kienet tistipula, bi kliem identiku għal dak tal-istess dispożizzjoni tad-Direttiva 98/59, li għandu jinftiehem, li għall-iskopijiet tal-applikazzjoni tad-Direttiva 75/129, "redundancies [tkeċċijiet] kollettivi" tfisser tkeċċijiet imwettqa mill-persuna li timpjega għal raġuni waħda jew iktar li ma humiex marbuta mal-ħaddiema individwali kkonċernati (is-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-55/02, Ġabra p. I-9387, punt 55).

31 L-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva 92/56 ħassar l-Artikolu 1(2)(d) tad-Direttiva 75/129.

32 Din l-emenda ġiet enfasizzata mil-leġiżlatur tal-Unjoni fit-tielet premessa tad-Direttiva 92/56, li tipprovdi li għandu jkun previst li, bħala prinċipju, id-Direttiva 75/129 tapplika wkoll għal tkeċċijiet kollettivi b'mod partikolari dawk li jirriżultaw minn waqfien tal-attivitajiet tal-istabbiliment bħala riżultat ta' deċiżjoni ġudizzjarja.

33 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, wara din l-emenda tad-Direttiva 75/129, fil-każijiet kollha ta' tkeċċijiet kollettivi li jirriżultaw mill-waqfien tal-attivitajiet ta' stabbiliment, anki meta dan irriżulta minn deċiżjoni ġudizzjarja, il-persuna li timpjega għandha l-obbligu li tinforma u tikkonsulta lill-ħaddiema (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2006, Agorastoudis *et*, C-187/05 sa C-190/05, Ġabra p. I-7775, punt 33).

34 Għandu wkoll jiġi mfakkar li, b'mod parallel għal din l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 75/129, il-leġiżlatur tal-Unjoni żied żewġ dispożizzjonijiet magħha, permezz tad-Direttiva 92/56, li huma t-tieni paragrafu tal-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 4(4).

35 Minn naħa, it-tieni paragrafu tal-Artikolu (3)(1) jippermetti lill-Istati Membri li jipprovdu li, fil-każ ta' pjan ta' tkeċċija kollettiva marbut ma' waqfien tal-attivitajiet ta' stabbiliment li jirriżulta minn deċiżjoni ġudizzjarja, il-persuna li timpjega ma hijiex marbuta li tinnotifika bil-miktub lill-awtorità pubblika kompetenti jekk mhux fuq talba min-naħa tagħha. Din id-dispożizzjoni tirrigwarda biss l-obbligu ta' notifika ta' pjanijiet ta' tkeċċija.

36 Min-naħa l-oħra, skont l-imsemmi Artikolu 4(4), l-Istati Membri ma jistgħux japplikaw il-paragrafi 1 sa 3 tal-istess artikolu, dwar pjan ta' tkeċċija kollettiva li jkun diġà ġie nnotifikat lill-awtorità kompetenti, għal tkeċċijiet kollettivi li jirriżultaw mill-waqfien tal-attivitajiet ta' stabbiliment li jirriżulta minn deċiżjoni ġudizzjarja. Il-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu 4 jirrigwardaw it-termini li fihom it-tkeċċijiet kollettivi ppjanati li ġew innotifikati jidħlu fis-seħħ.

37 Dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, imsemmija fit-Taqsima III tad-Direttiva 75/129, li ġiet emendata mid-Direttiva 92/56, dwar il-proċedura ta' tkeċċija kollettiva, jagħtu ċerti setgħat lill-Istati Membri. Madankollu, dawn ma jillimitawx, kuntrarjament għat-tliet każijiet ta' nuqqas ta' applikazzjoni previsti fl-Artikolu 1(2) tal-istess direttiva, il-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

38 Minn dan jirriżulta li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 75/129, li ġiet emendata permezz tad-Direttiva 92/56, ikopri, mingħajr ħsara għat-tliet derogi previsti fl-Artikolu 1(2) tagħha, it-tkeċċijiet kollettivi li jirriżultaw mill-waqfien tal-attivitajiet ta' l-istabbiliment bħala riżultat ta' deċiżjoni ġudizzjarja.

39 Id-Direttiva 98/59 ma tinkludi l-ebda emenda għad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-kawża preżenti tad-Direttiva 75/129, kif emendata bid-Direttiva 92/56.

40 Fl-ewwel lok, il-kliem tat-tielet premessa tad-Direttiva 92/56 huma inklużi fid-disa' premessa tad-Direttiva 98/59.

41 Fit-tieni lok, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 98/59 jinkludu, rispettivament, permezz ta' kliem identiku, id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu għad-Direttiva 75/129, kif emendata bid-Direttiva 92/56.

42 Fit-tielet lok, fid-Direttiva 98/59 ma teżisti l-ebda dispożizzjoni dwar tkeċċijiet kollettivi li jirriżultaw mill-waqfien tal-attivitajiet tal-istabbiliment bħala riżultat ta' deċiżjoni ġudizzjarja li ma tidhirx fid-Diretiva 75/129, kif emendata bid-Direttiva 92/56.

43 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 98/59 ikopri, mingħajr ħsara għat-tliet derogi previsti fl-Artikolu 1(2) tagħha, it-tkeċċijiet kollettivi li jirriżultaw mill-waqfien tal-attivitajiet tal-istabbiliment bħala riżultat ta' deċiżjoni ġudizzjarja.

44 Din il-konstatazzjoni ma hijiex ikkonfutata, kuntrarjament għal dak li jsostni Landsbanki, la mis-sentenza Rodríguez Mayor *et*, iċċitata iktar 'il fuq, u lanqas mill-fatti speċi tal-kawża prinċipali.

45 Fl-ewwel lok, fil-kawża li wasslet għas-sentenza Rodríguez Mayor *et,* iċċitata iktar 'il fuq, il-kwistjoni involuta kienet dik dwar jekk id-Direttiva 98/59 tipprekludix li t-terminazzjoni tal-kuntratti tal-impjieg ta' għadd ta' ħaddiema, li jkollhom persuna fiżika bħala l-persuna li timpjegahom, minħabba l-mewt ta' din il-persuna li timpjegahom u meta l-impriża ma tgħaddi għand l-ebda eredi, ma tiġix ikklassifikata bħala tkeċċija kollettiva.

46 Madankollu, għandu bilfors jiġi kkonstatat li hemm differenza kbira bejn is-sitwazzjoni kkaratterizzata mill-mewt tal-persuna li timpjega li hija persuna fiżika, li l-impriża tagħha ma tiġi ttrasferita lil ħadd, u s-sitwazzjoni, bħal dik fil-kawża prinċipali, fejn il-persuna li timpjega hija persuna ġuridika li x-xoljiment u l-istralċ tagħha jkunu ġew ordnati permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja. Fil-fatt, f'din l-aħħar sitwazzjoni, il-persuna li timpjega tibqa' l-istess, sakemm il-persuna ġuridika tagħha tibqa', minn naħa, twettaq l-atti msemmija fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 98/59 u, min-naħa l-oħra, twettaq, fejn ikun xieraq, tkeċċijiet kollettivi.

47 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-fatti speċi tal-kawża prinċipali, Landsbanki ssostni b'mod żbaljat li x-xoljiment u l-istralċ tal-istabbiliment, kif ukoll it-terminazzjoni tal-kuntratti tal-impjieg prevista mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, ikkoinċidew b'mod li kien prattikament impossibbli għaliha li twettaq l-obbligi tagħha marbuta mal-konsultazzjoniet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema.

48 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li sitwazzjoni legali li tirriżulta biss mill-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali ma tistax tiddetermina l-interpretazzjoni ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

49 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għall-ewwel domanda għandha tingħata r-risposta li l-Artikoli 1 sa 3 tad-Direttiva 98/59 għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn japplikaw għat-tmiem tal-attivitajiet ta' stabbiliment li jimpjega bħala riżultat ta' deċiżjoni ġudizzjarja li tordna x-xoljiment u l-istralċ tiegħu minħabba insolvenza, anki jekk, fil-każ ta' tali waqfien, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprovdi għar-rexxissjoni b'effett immedjat tal-kuntratti tal-impjieg tal-ħaddiema.

Fuq it-tieni domanda

50 Ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali jsostnu li Landsbanki, matul l-istralċ tagħha, baqgħet il-persuna ġuridika li timpjega, bid-differenza li l-korpi rappreżentattivi nbidlu, il-bord tad-diretturi u l-amministrazzjoni tilfu d-drittijiet kollha tagħhom affavur tal-istralċjarji. Huma jżidu li l-istralċjarji aġixxew bħala rappreżentanti veri tal-persuna li timpjega.

51 Il-Kummissjoni Ewropea tirrimarka, minn naħa, li t-Tribunal d'arrondissement tal-Lussemburgu, meta ordna l-istralċ ta' Landsbanki, ħatar żewġ stralċjarji, u min-naħa l-oħra, li dawn l-istralċjarji żammew parti mill-persunal u daħħlu nies esterni jaħdmu għal Landsbanki.

52 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li mir-risposta mogħtija għall-ewwel domanda joħroġ li, anki jekk liġi nazzjonali tipprovdi għar-rexxissjoni b'effett immedjat tal-kuntratti tal-impjieg f'każ ta' waqfien tal-attivitajiet ta' stabbiliment bħala riżultat ta' deċiżjoni ġudizzjarja li tordna x-xoljiment u l-istralċ tiegħu minħabba insolvenza, tali tkeċċija kollettiva taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 98/59.

53 F'każ ta' insolvenza, il-personalità ġuridika tal-istabbiliment li tiegħu ġew ordnati x-xoljiment u l-istralċ permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja teżisti biss għal skopijiet limitati, b'mod partikolari għall-ħtiġijiet ta' din il-proċedura u sal-pubblikazzjoni tal-kontijiet tal-għeluq tal-proċedura tal-istralċ. Madankollu, tali stabbiliment huwa marbut, sad-data tat-tmiem definittiv tal-eżistenza tal-personalità ġuridika tiegħu, li jwettaq l-obbligi previsti fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 98/59 imposti fuq il-persuna li timpjega.

54 Sakemm l-amministrazzjoni tal-istabbiliment inkwistjoni tibqa' mwaqqfa, anki jekk b'setgħat limitati fir-rigward tal-ġestjoni tal-imsemmi stabbiliment, din l-amministrazzjoni għandha tiżgura l-obbligi imposti fuq il-persuna li timpjega skont l-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 98/59.

55 Madankollu, jekk il-ġestjoni tal-istabbiliment inkwistjoni tinsab totalment f'idejn l-istralċjarju, huwa dan tal-aħħar li għandu jissodisfa l-obbligi li joħorġu mid-Direttiva 98/59.

56 Għandu jiġi mfakkar li l-konsultazzjonijiet previsti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/59 ma jirrigwardawx biss il-possibbiltajiet li jiġu evitati jew jitnaqqsu t-tkeċċijiet kollettivi, imma anki l-possibbiltajiet li l-konsegwenzi jittaffew billi wieħed jirrikorri għal miżuri soċjali marbuta magħhom, immirati, *inter alia*, sabiex jgħinu l-klassifikazzjoni mill-ġdid jew it-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema mkeċċija (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Settembru 2009, Akavan Erityisalojen Keskusliitto AEK *et*, C-44/08, Ġabra p. I-8163, punt 64).

57 Fil-każ fejn l-obbligi li joħorġu mid-Direttiva 98/59 ma jkunu jorbtu lil ebda persuna, il-qorti nazzjonali hija marbuta li tinterpreta d-dritt nazzjonali, sa fejn ikun possibbli, fid-dawl tat-test u tal-għanijiet tad-Direttiva 98/59, sabiex l-obbligi msemmija fl-Artikoli 2 u 3 tagħha jiġu osservati u mwettqa.

58 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għat-tieni domanda għandha tingħata r-risposta li sa meta jkun hemm it-tmiem definittiv tal-personalità ġuridika ta' stabbiliment li fir-rigward tiegħu jkunu ġew ordnati x-xoljiment u l-istralċ, l-obbligi taħt l-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 98/59 għandhom jiġu sodisfatti. L-obbligi tal-persuna li timpjega taħt dawn l-artikoli għandhom jitwettqu mill-amministrazzjoni tal-istabbiliment inkwistjoni, meta dan ikun għadu jopera, anki jekk b'poteri limitati fir-rigward tal-ġestjoni ta' dan l-istabbiliment, jew mill-istralċjarju tiegħu, kemm-il darba dan l-istralċjarju jassumi l-ġestjoni tal-imsemmi stabbiliment fl-intier tagħha.

Fuq l-ispejjeż

59 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawżi prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikoli 1 sa 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE, tal-20 ta' Lulju 1998, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies [tkeċċijiet] kollettivi, għandhom jiġu interpretati fis-sens li japplikaw għall-waqfien tal-attivitajiet ta' stabbiliment li jimpjega bħala riżultat ta' deċiżjoni ġudizzjarja li tordna x-xoljiment u l-istralċ tiegħu minħabba insolvenza, anki jekk, fil-każ ta' tali waqfien, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprovdi għar-rexxissjoni b'effett immedjat tal-kuntratti tal-impjieg tal-ħaddiema.

2) Sa meta jkun hemm it-tmiem definittiv tal-personalità ġuridika ta' stabbiliment li fir-rigward tiegħu jkunu ġew ordnati x-xoljiment u l-istralċ, l-obbligi taħt l-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 98/59 għandhom jiġu sodisfatti. L-obbligi tal-persuna li timpjega taħt dawn l-artikoli għandhom jitwettqu mill-amministrazzjoni tal-istabbiliment inkwistjoni, meta dan ikun għadu jopera, anki jekk b'poteri limitati fir-rigward tal-ġestjoni ta' dan l-istabbiliment, jew mill-istralċjarju tiegħu, kemm-il darba dan l-istralċjarju jassumi l-ġestjoni tal-imsemmi stabbiliment fl-intier tagħha.

Firem